**6 ta' Ottubru 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo., O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Farrugia et.

*versus*

Mary Abela

**Serviġi — Gratuwità.**

*Anki jekk ma jkunx ġie pattwit, hu dovut kumpens għal serviġi meta miċ-ċirkustanzi jirriżulta li l-prestant kellu l-intenzjoni li jitħallas. Il-prestazzjoni gratuwita ma għandiex tiġi preżunta, salvi konsiderazzjonijiet oħra f'każ ta' stretti parenti.*

*Jekk il-prestant tas-serviġi kellu f'rasu illi, minflok kumpens pekunjarju, jottjeni korrispettiv ieħor minn għand il-persuna servuta, u dan il-korrispettiv ieħor ma jiġix konsegwit, allura l-prestant tas-serviġi mhux prekluż milli minfloku jottjeni kumpens pekunjarju.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-konvenuta kisret il-ftehim li kellha mal-attriċi, billi naqset li tikrilha l-post li l-konvenuta kienet ippromettietilha li tikrilha meta jitbattal; peress li minħabba l-ksur ta' dan il-ftehim, u anki jekk hemm bżonn bħala danni, l-attriċi għandha dritt titlob li titħallas minn għand il-konvenuta tal-injezzjonijiet u medikaturi li kienet għam-

let lil missier il-konvenuta b'inkarigu tal-istess konvenuta, u li l-attriċi kienet aċċettat li ma titħallasx tagħhom minħabba l-obligazzjoni assunta mill-konvenuta li tikrilha l-post meta jitbattal; wara li tiġi mogħtija kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja, u meħud kull provvediment opportun; talbu li għar-raġunijiet fuq imsemmija jiġi dikjarat u deċiż li l-attriċi għandha dritt titħallas minn għand il-konvenuta għall-injezzjonijiet u medikaturi li kienet għamlet lil missier il-konvenuta b'inkarigu tal-istess konvenuta. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tas-17 ta' Settembru 1958;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Jannar 1961, li biha ċaħdet it-talba tal-atturi, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi l-atturi qegħdin jibbażaw il-kawża fuq li l-konvenuta naqset li tikri lill-attriċi l-post li kienet ippromettietilha, u għalhekk l-attriċi għandha d-dritt titħallas tal-prestazzjonijiet li għamlet ma' missier il-konvenuta, u li għalihom kienet aċċettat li ma titħallasx minħabba l-imsemmija obligazzjoni tal-konvenuta;

Illi qabel xejn jeħtieġ issir l-indaġini jekk din il-promessa saretx, jekk ġietx adempjuta, u jekk kienetx tikkostitwixxi obligazzjoni ġuridikament perfetta;

Illi l-konvenuta tammetti li, wara li l-attriċi kienet bdiet il-prestazzjonijiet fuq riferiti, kienet wegħditha li tikrilha post biex tkun tista' tiżżewweġ; in segwitu tbattal il-post nru. 68 Zerafa Street, Marsa, u l-konvenuta krietulha £1 fix-xahar, u b'hekk kompliet il-kelma tagħha; iżda l-attriċi tippretendi li l-konvenuta kienet wegħditha li, jekk il-post jinzerta żgħir, tibdilulha ma' post akbar. Din iċ-ċirkustanza ġiet miċħuda mill-konvenuta (fol. 3), u fil-fehma tal-Qorti ma ġietx sostanzjata adegwatament bil-provi;

Illi però, jekk stess "ex hypothesi" din il-promessa saret, jeħtieġ jiġi eżaminat jekk tikkostitwix dik l-obligaz-

zjoni perfetta, kapaċi li tagħti lill-attriċi d-dritt li ġġiegħel lill-konvenuta tadempiha, u dan bil-mezzi kollha tal-liġi;

Skond id-Dritt Ruman, l-obligazzjoni hija definita "Juris vinculum quo necessitate adstringimur alicuius rei solvendae" (Inst. De Obligationibus). Dak li jikkostitwixxi l-obligazzjoni huwa l-"vinculum juris", li bis-saħħa tiegħu d-debitur ikun jista' jiġi kostrett jeżegwixxi l-obligazzjoni. "L'obbligazione", jinnota Laurent fuq l-awtorità ta' Donello, "è un vincolo . . . . un legame ('une chaine'); quegli che è legato ('en chaine') non può sfuggire al potere di colui che lo tiene nei legami . . . . I suoi ceppi non sono infranti che quando ha adempito la prestazione . . . . . Questo vincolo può essere paragonato a dei ceppi materiali, perchè esso priva il debitore della sua libertà o la diminuisce; essendosi obbligato, egli non è più libero; egli ha abdicato alla sua libertà, e può essere costretto dalla forza pubblica ad adempire i suoi impegni" (Diritto Civile, Vol. XV, §424);

Mhux diversament jesprimi ruħu Giorgi:— "Chi dice 'obbligazione', dice 'legame'; chi dice 'legame', dice 'vincolo'. E' veramente quella necessità in cui viene a trovarsi il debitore di sottostare alla sentenza di condanna, all'esecuzione sui beni, e qualche volta anche sulla persona, qualora non voglia adempiere la obbligazione; è un vincolo potente, il più potente di cui fosse dato disporre al potere sociale in vantaggio del creditore" (Obbligazioni, Vol. I, §32);

Illi għalhekk jeħtieġ jiġi eżaminat jekk fil-promessa talvolta magħmula mill-konvenuta lill-attriċi jirrikorrix jew le dan il-vinkolu; u l-Qorti, wara li rriflettiet ħafna fuq il-każ, hija tal-fehma li skond iċ-ċirkustanzi dan il-vinkolu ma jirriżultax. Ebda prova, infatti, ma saret li l-promessa saret bħala korrispettiv tal-prestazzjonijiet li kienet allura qegħdha tirrendi l-attriċi; anzi jirriżulta l-kuntrarju. Infatti ġie pruvat li l-attriċi ma kienetx tippresta ruħha bi ħlas (fol. 21 u 45); u meta l-konvenuta staqsietha x'kellha tieħu, irrispondietha li kienet qegħdha tagħmlu bi pjaċir u ħbiberija (fol. 38). Dan isib il-konferma tiegħu fil-fatt, ammess anki mill-attriċi, li hija rċeviet minn għand il-konvenuta flixkun whisky u par imsielet tad-deheb; kif ukoll fil-

fatt, ammess anki mill-attriċi, li l-konvenuta, meta kritilha l-post li għandha l-lum, tagħtha l-fakoltà, il-lum eċċezzjonali, li tissublokah biex tiġbor l-ispejjeż li kienet għamlet;

Illi huwa veru li l-konvenuta ,skond ma xehdet, kienet u baqgħet tħossha obligata lejn l-attriċi; u dan.urietu billi marret għat-tieġ tagħha u għall-magħmudija tal-ewwel tarbija tagħha bir-rigal; iżda dan ma jwassalx għall-konklużjoni li si tratta ta' obligazzjoni perfetta u tali li ġġib magħha l-koerċizzjoni bil-mezzi kollha tal-liġi f'każ ta' inadempjenza. Apparentement si tratta ta' obligazzjoni imperfetta, bl-animu li tiġi adempita, iżda mingħajr ebda ħsieb ta' vinkolu ġuridiku, bħal ma hija dik naxxenti minn dover ta' rikonoxxenza;

Jgħid a propożitu Pothier:— "Quegli che ha ricevuto qualche segnalato benefizio è certamente obbligato di prestare al suo benefattore, allorchè si presenta l'occasione, tutti i possibili servigi; egli pecca e si disonora quando non lo faccia. Ma il suo benefattore non ha diritto di esigerli; e quando gli vengono prestati, li riceve anche esso come un vero benefizio. Se costui avesse il diritto di esigere nella stessa occasione gli stessi prestati servigi, non si potrebbe dire che egli ha fatto un benefizio; sarebbe questo un vero prestito, ed i servigi retribuiti non sarebbero più una riconoscenza, essendo questa essenzialmente volontaria". U aktar il-quddiem l-istess awtur jikkonkjudi:— "Vi sono promesse che si fanno di buona fede e coll'attuale volontà di adempirle senza l'intenzione però di dare a quelli a cui si fanno il diritto di esigerne l'adempimento . . . . . Simili obbligazioni producono un' obbligazione imperfetta . . . . . ma non formano obbligazione civile, nè in conseguenza contratto" (Obbligazioni, §§ 1 u 3). Tal-istess fehma huwa Laurent (op. ċit., § 430). U f'dan is-sens ukoll esprimiet ruħha din il-Qorti (Kollez. VI. 332; XXVIII-I-195; P.A. Ċivili 28. 6. 1954 in re "Buttigieg vs. Caruana");

Illi minn dan tinżel il-konsegwenza illi, jekk bejn l-attriċi u l-konvenuta ma kienx hemm ftehim ġuridikament vinkolanti, tiġi nieqsa l-bażi kollha tal-pretensjoni tagħha;

Illi, del resto, ġie pruvat li l-attriċi, fil-kors tal-prestaz-

zjonijiet in kwistjoni, qatt ma wriet l-intenzjoni li titħallas, u għalhekk ma tistgħax titlob dan il-ħlas in vista li l-lum ir-relazzjonijiet mal-konvenuta tbiddlu (v. Kollez. XXXIV-I-96; P.A. 24. 6. 1954 in re "Cauchi vs. Micallef"; P.A. 10.11. 1956 "Dalmas vs. Stellini"; u P.A. 10. 10. 1960 in re "Azzopardi utrinque");

Rat, fol. 59, in-nota tal-appell tal-atturi, u fol. 60 l-petizzjoni tagħhom għar-revoka tas-sentenza fuq imsemmija, billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom, bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ġie kostantement affermat mill-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna minn żmienijiet antiki (ara Prim'Awla Ċivili "Cutajar vs. Falzon", 2 ta' Jannar 1843), illi anki jekk ma jkunx pattwit, hu dovut kumpens għal serviġi meta miċ-ċirkustanzi jirriżulta li l-prestant kellu l-intenzjoni li jitħallas. Il-prestazzjoni gratuwita ma għandhiex tiġi preżunta, salvi konsiderazzjonijiet oħra fil-każ ta' stretti parenti; u f'dan il-każ tal-lum l-attriċi ma kienetx imparentata mal-konvenuta, anzi lanqas biss kienet ħabiba tagħha, ħlief li kienu jsellimu l-xulxin. "Ex admissis", l-attriċi, li hi "nurse" ċertifikata, ipprestat għal żmien serviġi lil missier il-konvenuta b'inkarigu tal-istess konvenuta;

Illi l-konvenuta addużiet iċ-ċirkustanza li l-attriċi, fil-kors tal-prestazzjoni ta' dawn is-serviġi, qalet li kienet qiegħda tagħmel ix-xogħol bi pjaċir u bi ħbiberija (fol. 38);

Illi mill-kumpless tal-provi jidher ċar li l-attriċi, li kienet sejra tiżżewweġ (kif fil-fatt in segwitu żżewġet mal-attur), xtaqet takkwista in lokazzjoni xi post adatat għaliha minn fost dawk li kellha l-konvenuta, u li dan kien appuntu l-korrispettiv minnha preferit, ovvjament in vista tad-diffikultajiet attwali li wieħed isib dar fejn joqgħod.

Għalhekk ma jistgħax jingħad li l-attriċi kellha fi ħsiebha li tippresta s-serviġi tagħha gratuwitament; anzi riedet korrispettiv; biss, għall-mument, ippreferiet li l-korrispettiv ikun dak fuq aċċennat minflok pekunjarju;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenuta ma tistgħax tippretendi li żdebitat ruħha għaliex tgħat in lokazzjoni lill-attriċi l-post numru 68 Zerafa Street, il-Marsa. Ma tistgħax tippretendi dan, għal dawn ir-raġunijiet li sejrin jingħadu;

L-attriċi ssostni (u dwar daqshekk tgħat ix-xhieda tagħha u ġiebet xhieda oħra) li, peress li l-post ta' Strada Zerafa kien diżadatt, il-konvenuta kienet ippromettietilha li tibdlilha dak il-post ma' ieħor tagħha malli jitbattlilha xi wieħed. Il-konvenuta ċaħdet din it-tieni promessa. Hu però verosimili li sar xi diskors f'dak is-sens, għaliex ma hux preżumibbli li l-attriċi riedet post kwalunkwe, imma hu preżumibbli, inveċe, li hi xtaqet ikollha post adattat għall-bżonnijiet tagħha; u jekk l-attriċi fil-fatt ħadet dan il-post, dan għamlitu aktarx bħala miżura provviżorja għaliex kienet sejra tiżżewweġ u kienet premurata li jkollha xi post ta' abitazzjoni, imma mhux għaliex b'dak il-post kienet irraġġunġiet il-korrispettiv li kellha fi ħsiebha, u kien għalhekk verosimili li jsir, kontemporaneament jew wara, (fol. 113) xi diskors fis-sens li mal-ewwel okkażjoni l-konvenuta tagħtiha in lokazzjoni post ieħor;

Barra minn hekk, il-fatt ammess mill-konvenuta (fol. 88) li hi tgħat lill-attriċi l-permess li tissulloka, jista' jkun mhux biss indizju tal-provviżorjetà tal-okkupazzjoni, imma jista' anki jissuffraga dak li qalet l-attriċi fis-sens li l-konvenuta riedet tagħtiha l-opportunità li tirkupra minn għand is-subinkwilin l-ispejjeż li kienet għamlet fil-post ladarba toħroġ minnu meta tagħtiha post ieħor (fol. 112). Però, saret jew ma saretx din it-tieni promessa ta' post ieħor, l-attriċi l-istess għandha d-dritt li titħallas tas-serviġi tagħha. Infatti, jekk saret, allura ma jimpurtax jekk kienetx vera obligazzjoni vinkolanti jew le, għaliex dak li huwa mportanti hu li l-attriċi, billi dan il-post ieħor ma ġiex mogħti lilha, ma kkonsegwietx il-korrispettiv ta' post ieħor

adattat li hi riedet, u darba fallut dan il-korrispettiv, hi għandha dritt għal kumpens pekunjarju, skond kif ġie ritenut fis-sentenza riportata fil-Vol. VII, paġ. 430, fis-sens li l-kumpens hu dovut "anche se i serviġi fossero stati prestati colla speranza di un altro vantaggio, se questo non si verifica per fatto non imputabile a chi ha prestato i serviġi". Jekk ma saretx, allura għandu jingħad li l-attriċi l-istess ma kkonsegwietx l-iskop tagħha, għaliex il-post lilha mogħti kien eminentement diżadatt, billi kien jikkonsisti biss f'kamra u kamra oħra żgħira, u W.C. fil-bitħa. Di più, il-konvenuta kriet il-post lill-attriċi b'kera aktar minn dak li kien qabel diġà fissat mill-Bord tal-Kera (fol. 38). Jiżdied li l-attriċi kellha tagħti xi flus lit-tifla tal-inkwilin ta' qabel (fol. 28), u nefqet is-somma ta' £60 biex tnaddaf dan il-post, għax kien malandat (fol. 112). Anki l-konvenuta, bil-kiri lill-attriċi, evitat ir-rekwiżizzjoni tiegħu (fol. 88 u 113). Minn dan jidher li kien każ ta', kif jingħad, "carità pelosa"; għaliex il-konvenuta riedet tibbenefika b'awment tal-kera, u bbenefikat bl-ispejjeż li saru għar-rijattament tal-post, u billi ġiet evitata r-rekwiżizzjoni tiegħu, mentri l-attriċi ħadet post li ma kienx tajjeb għaliha. Issa, ekwament ma jistgħax jingħad li kien "dan" il-korrispettiv li kellha fi ħsiebha l-attriċi meta, għal żmien mhux indifferenti ipprestat serviġi mhux traskurabbli bħala "nurse" lil missier il-konvenuta; u jekk għalhekk l-attriċi ma kkonsegwietx lanqas dan il-korrispettiv, allura hemm, l-istess, id-dritt tagħha għall-ħlas, skond l-istess ġurisprudenza ċitata;

Illi lanqas jista' jingħad li l-attriċi ġiet imħallsa bilpar imsielet stmati £1. 10. 0d (fol. 71) u/jew bil-flixkun whisky; salv li, jekk ikun il-każ, il-valuri rispettivi jiġu dedotti meta jiġi fissat il-kumpens;

Ikkunsidrat;

Illi fiċ-ċitazzjoni t-talba hi ristretta għall-kwistjoni tal-"an", u mhix estiża għall-kwistjoni tal-"quantum"; għalhekk l-aċċertament partikolareġġjat tas-serviġi reżi mill-attriċi lil missier il-konvenuta b'inkarigu ta' din, u l-fissazzjoni tal-entità tal-kumpens, għandhom ikunu materja ta' ġudizzju ieħor, jekk il-kontendenti ma jaslux fi ftehim;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi billi tilqa' l-appell tal-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiddikjara, għas-sens tat-talba kontenuta fiċ-ċitazzjoni, illi l-atturi għandhom dritt jitħallsu għas-serviġi reżi mill-attriċi lil missier il-konvenuta b'inkarigu tal-konvenuta;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenuta.